# IL-BIERAĦ U LLUM

**Dun Mattew Magro**



In-nies tar-raħal ċkejken tal-Qrendi kienu minn dejjem imħeġġin, u lesti li jagħmlu kwalunkwe sagrifiċċji għall-Knisja tagħhom. Dan narawh mill-istorja tar-raħal. Malli l-Qrendi infired miż-Żurrieq u sar Parroċċa fl-1618, missirijietna mall-ewwel ħasbu biex jibnu Knisja li kellha tkun l-unur tagħhom. Għażlu l-aħjar u l-aqwa perit ta' Malta, il-Perit Lorenzo Gafà, biex jieħu ħsieb u jagħmel il-panta għal din il-Knisja. Kienu jafu għal x'hiex kienu sejrin jindaħlu, imma b'dana kollu komplew b'sagrifiċċji enormi, bi tbatija tal-għaġeb u b'għaraq tad-demm, bdew il-bini ta' din il-ġawhra ta' Knisja u komplewha sa l-aħħar.

Imbagħad bil-mod il-mod, mal-mixja taż-żmien, il-Qrendin kienu dejjem ħsiebhom fil-Knisja tagħhom, u kif ikomplu jżejnuha mill-aħjar li jistgħu. U daqqa opra minn hawn u daqqa oħra minn hemm, din il-Knisja bdiet u kompliet timtela' dejjem b'opri ġodda u li jiswew ħafna flus.

Fis-sena 1840, fir-raħal tal-Qrendi waslet l-Istatwa Artistika u tassew sabieħa ta' Santa Marija, u nistgħu ngħidu li minn dik in-nhar 'il quddiem, il-poplu tal-Qrendi aktar u aktar imtela' bil-kuraġġ biex ikompli jżejjen u jsebbaħ il-Knisja tiegħu. In-nies tal-Qrendi xtaqu u riedu tassew li jkollhom Knisja armata u mżejna mhux anqas mill-knejjes l-oħra ta' Malta, u dan narawh biċ-ċar minn dan ir-ritratt li jidher hawn: Ritratt meħud aktar minn erbgħin sena ilu, imma li fih naraw kemm tassew kienet tkun armata tajjeb il-knisja tagħna fil-Festa tal-Parroċċa. Dan ir-ritratt meħud qabel ma bdiet it-tieni gwerra dinjija jiġifieri qabel is-sena 1939. Dawk is-snin ħafna mill-Parroċċi ta' Malta, billi ma kellhomx ċimiterju, kienu għadhom jidfnu l-mejtin tagħhom fil-Knisja. Allura meta kienet tasal il-Festa Titulari tar-raħal, biex wieħed jgħatti l-kruha u l-miżerja ta' dak il-ħmieġ tal-kaptelli ta' l-oqbra, li ħafna minnhom kienu jkunu mkissrin ukoll, kien jinfirex ma' l-art kollha ħafna weraq tar-rand u tal-klin.

Imma sena wara l-oħra, speċjalment meta tlesta ċ-ċimiterju u nqata' d-dfin minn ġol-Knisja, il-poplu tal-Qrendi, għamel ħiltu kollha biex ta' kull sena, għall-Festa ta' Santa Marija, jżanżan xi opra ġdida.

Naturalment fuq dan ir-ritratt m'aħniex naraw u nitgħaxxqu bl-opri kbar li għamilna mill-gwerra 'l hawn. M'aħniex naraw il-Paviment li nistgħu ngħidu, illi bla dubju huwa wieħed mill-isbaħ pavimenti li hawn ġewwa Malta. M'aħniex ingawdu l-opra kbira u majestuża tad-Damask li swielna ħafna flus u ħafna u ħafna xogħol b'xejn bil-lejl u bi nhar. M'aħniex nitgħaxxqu b'dawk iż-żewġ Linef, opra tassew sabiħa tal-Benefattur Pawlu Mifsud. M'aħniex nammiraw dik il-Pittura tassew sabieħa li għamlitilna l-Knisja tagħna waħda mill-aktar sbieħ ta' Malta.

M'aħniex sejrin noqogħdu nsemmu ħaġa ħaġa dak kollu li naraw il-lum fil-Knisja tal-Qrendi. Ngħidu biss illi meta l-poplu jkun tassew irid li jkollu knisja verament sabieħa, dan il-poplu għalkemm b'sagrifiċċji kbar, imma bir-rieda tajba u qawwija, mill-banda l-oħra jasal biex jilħaq dan l-iskop qaddis tiegħu.

Dan narawh u nisimgħuh ħiereġ minn fomm ta' dawk ix-xmajjar ta' nies minn kull rokna ta' Malta u Għawdex li jiġu fil-jiem tal-Festa Titulari tagħna, meta jkunu qegħdin jagħmlu l-Visti fil-Knejjes ta' Seba' Santa Marijiet.